

Brussell, 18 ta' Lulju 2024
(OR. en)

12423/24
ADD 1

LIMITE

PUBLIC 101
INF 197

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - APRIL 2024

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'April 2024.

Huwa jipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġiżlattivi, inkluż id-data tal-adozzjoni.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarju ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni.

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI MHUX LEĠIŻLATTIVI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'APRIL 2024	
Proċedura bil-miktub konkluża fid-19 ta' April 2024	CM 2418/24
<i>Deċiżjoni, Regolament u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi kontra ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem - Dikjarazzjoni mill-Ungerija</i>	CM 2418/24
L-Ungerija tilqa' l-approvazzjoni tal-Coreper tal-miżuri restrittivi skont ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem kontra entitajiet tal-Hamas responsabbli għall-attakki terroristiċi brutali u indiskriminati fl-Iżrael mis-7 ta' Ottubru 2023 'l hawn. Kif żvelat fir-rapporti tar-Rappreżentant Speċjali tan-NU, il-grupp terroristiku huwa responsabbli għat-tweqqif ta' atti faħxija ta' vjolenza sesswali u sessista mifruxa u sistematika fl-Iżrael, u t-terror tagħhom jinħass, sal-lum, mill-ħafna ostaġġi li għadhom maqbuda. Fir-rigward tal-proposti ta' aktar elenkar skont l-istess reġim ta' sanzjonijiet li jikkonċernaw insedjamenti vjolenti, l-Ungerija ttenni t-tħassib tagħha dwar iż-żmien u l-adegwatezza tal-adozzjoni tagħhom. Barra minn hekk, l-Ungerija tixtieq ittenni li Iżrael huwa pajjiż demokratiku b'sistema legali li tiggarantixxi t-teħid ta' responsabbiltà ta' awturi ta' ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u f'konformità mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 238 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Ungerija ser tastjeni fil-vot dwar l-atti legali korrispondenti.	